**Fil-Qorti Kriminali**

**(Tal-Ghassa)**

**Mag. M.Farrugia**

**Kump. 639/2022**

**`**

**Diff: 24/08/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spett.Lydon Zammit)**

**Vs**

[redacted]

**Rikors ta' [redacted]**

**Jesponi bir-rispett,**

Illi l-esponent jinsab ghaddej proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq diversi reati.

Illi l-esponent f'dawn il-proceduri ilu taht arrest preventiv ghall- hdax il-xahar.

Illi konsegwenza ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu u li ghaddiet in gudikat l-esponent prezenzjalment qieghed jiskonta sentenza ta' tmien xhur habs, liema proceduri gew konkluzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-ismijiet il-Pulijza vs [redacted] moghtija fil-11 ta' Mejju 2023.

Illi kif huwa ben evidenti l-esponent ghandu problema kbira tad-droga u jixtieq jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni.

Illi ghalkemm l-esponent huwa sentenzjat biex ikun jistgha jibda dan il-programm ta' rijabilitazzjoni jehtieg l-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri..

Illi ghalhekk anka jekk l-esponent sejjer jinghata l-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri fir-realta huwa mhuwiex ha jkun qieghed jibbenifika mill-istess, propju minhabba il-fatt illi ghadu qieghed jiskonta l-piena fuq imsemmija.

Illi f'dawn l-atti l-esponent ghamel diversi talbiet ghall-helsien millarrest li dejjem gew opposti mill-Avukat Generali u dejjem gew michuda kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif ukoll mill-Qorti Kriminali.

Illi l-esponent f'dawn ix-xhur kollha ghamel diversi kuntatti biex ikun jista jattendi programm. L-ewwel ma ghamel kien mal- Oasi, izda wara li l-Oasi spjegat lil Qorti li huwa ma jkunx jista Jattendi ghas-seduti tal-Qorti huwa ghamel kuntatt mal-Caritas, fejn s'issa gia kellu tlett online meetings.

Illi sabiex ikun jistgha jibda program mal-Caritas jehtieg illi jinghata il-helsien mill-arrest.

Illi kif l-esponent spjega kemm il-darba lil din l-Onorabbli Qorti huwa lest li joqghod ghal kull kundizzjoni li talvolta tkun imposta fuqu minn din l-Onorabbloi Qorti.

Illi jekk hemm bzonn tillimita l-esponent mill-hrug u dan sakemm jigi accettat gewwa programm, u dan kif sehh f'kazijiet ohra fosthom fil-Pulizija vs James Demanuele.

Illi dan it-trattament u d-dewmien li l-esponenti qed jinzamm il-habs imur kompletament kuntrarju ghal dik li hija t-tifsira li nghatat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-gurisprudenza hija abbundanti fis-sens li bilpassagg taz-zmien, bis-smiegh tax-xhieda tal-kaz fil kumpilazzjoni, kull biza` li jista` jkollha l-prosekuzzjoni ma jkunx aktar gustifikat.

Ghladaqstant l-esponent qieghed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha illi filwaqt li:

1) Tisma lil probation officer Marilyn Formosa dwar l-andament ta' [redacted] u
2) Tisma lil Rapprezentant Caritas

takkordalu l-helsien mill-arrest u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni

**Dr.Roberta Bonello LL.D**

*Rikorrent: Facilita Korrettiva Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola*